MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1827/2000/1

**Maurice u martu Joyce Laferla u
b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2006
l-atti gew trasfuzi f'isem Elton Laferla
stante l-mewt ta' missieru Maurice Laferla**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq; Direttur Generali
tad-Dipartiment tax-Xogholijiet; Korporazzjoni
Enemalta;
Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**1.** Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-7 ta' Settembru 2000, l-atturi konjugi Laferla (illum appellati) ippremettew li:

- fis-6 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tal-11.30p.m. Maurice Laferla kien qieghed isuq vettura Mitsubishi Lancer bin-numru EAN227 fi Triq il-Wied, Msida fid-direzzjoni tal-Belt, Valletta;
-
- it-triq kienet totalment mudlama u huwa kien qieghed isegwi l-linja centrali tat-triq li kienet ta' dizgwid ghas-sewwieqa;
-
- konsegwenza ta' dan il-karozza li kien qed isuq qabdet is-*central strip*, zvijjat u hu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel fuq il-hajt magenb it-triq u per konsegwenza mhux biss sofra griehi fuq persuntu izda anke hsarat estensiva fuq il-vettura tieghu tant li din giet dikjarata li hija 'beyond economical repair';
-
- illi dan l-incident sehh minhabba l-fatt li ma kienx hemm dawl fit-triq u l-linji tat-toroq ma kienux fi stat ta' manutenzjoni tajba;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-atturi talbu lill-Qorti sabiex, filwaqt li tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghal dan l-incident, jigu likwidati d-danni u li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjez, fosthom dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 ta' Jannar 1999 u tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 1999, u bl-imghaxijiet mid-data tal-protest gudizzjarju.

**2.** Il-konvenut (illum appellant) Direttur tat-Toroq eccepixxa[1] li huwa ma kellux htija ghall-incident in kwistjoni u li anzi dan gara minhabba negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku

[1] Fol. 8.

min-naha ta’ l-attur. Inoltre it-triq kellha s-senjalatika kollha mehtiega ma’ l-art.

**3.** Il-konvenuti Direttur Generali tax-Xogholijiet u Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi eccepew[2] li m’humiex il-legittimi kontraditturi peress li m’humiex responsabbli ghall-manutenzjoni tat-toroq u l-incident ma sehhx minhabba negligenza jew traskuragni taghhom. Fi kwalunkwe kaz, permezz ta’ nota prezentata fis-27 ta’ Novembru 2003[3] l-attur ceda l-kawza fil-konfront ta’ dawn iz-zewg konvenuti.

**4.** Il-Korporazzjoni Enemalta (ukoll appellanti f’din l-istanza) eccepiet[4] li ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident.

**Is-sentenza appellata**

**5.** Permezz ta’ sentenza moghtija fit-12 ta’ Mejju 2004, Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li r-responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni kellha tinqasam in kwantu ghall-hamsa u tletin fil-mija (35%) tal-htija fuq id-Direttur tat-Toroq ghaliex ma zammx is-sinjali tat-toroq fi stat li ma jkunux ta’ perikolu; hamsa u tletin fil-mija (35%) fuq il-Korporazzjoni Enemalta ghaliex ma zammitx il-lampa tat-triq fi stat li tixghel u turi; u l-kumplament fuq l-attur ghaliex irriteniet li hu kien qieghed isuq iktar milli suppost, mehud in konsiderazzjoni li fil-hin ta’ l-incident it-triq kienet mudlama. L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

“L-inċident seħħ hekk:

“Kienu xi l-11.30*p.m.* u l-attur kien qiegħed isuq fi Triq il-Wied, l-Imsida, sejjer minn Birkirkara lejn il-Belt Valletta. It-triq kienet mudlama. Għalhekk l-attur, biex iżomm il-pożizzjoni fit-triq, beda miexi mal-linja bajda li hemm fin-nofs tat-triq. Kif kien miexi b’dan il-mod jara quddiemu ostakolu fit-triq; fittex li jevitah billi jilwi lejn ix-xellug iżda

[2] Fol.11.
[3] Fol. 160.
[4] Fol. 13.

kien tard wisq. Dan l-ostakolu kien is-*centre strip*; il-vettura rikbitha, l-attur tilef il-kontroll u baqa' dieħel f'ħajt mal-ġenb tat-triq.

"Fid-dawl seta' jara illi l-linja l-bajda ta' nofs it-triq kienet twassal sa ġenb wieħed tas-*centre strip* b'mod illi l-ġenb l-ieħor kien joħroġ 'il barra sew mil-linja, kif jidher aħjar fir-ritratti li jinsabu *foll.* 23 *et seq.* L-attur kien qiegħed isuq fin-naħa tat-triq fejn is-*centre strip* toħroġ 'il barra mil-linja u kien għalhekk illi, meta kien qed isuq mal-linja biex jiggwida ruħu fid-dlam, baqa' dieħel ġos-*centre strip*.

"Jidher ċar illi l-linja bajda tan-nofs tat-triq kienet tagħti stampa ħażina tal-konfigurazzjoni tat-triq; kien imissha tkun hemm linja oħra mal-ġenb l-ieħor tas-*centre strip* biex turi li kien hemm faxxa, li hija usa mill-wisa' ta' linja, fin-nofs tat-triq li min qiegħed isuq ma għandux igħaddi minn fuqha jekk ma jridx li jibqa' dieħel fis-*centre strip.* Fil-fatt wara l-inċident il-linji ma' l-art saru kif għandhom ikunu, kif jidher mir-ritratt esebit *fol*. 37.

"L-inċident ma kienx iseħħ li kieku t-triq kienet imdawwla sew, għax f'dak il-każ l-attur ma kienx ikollu għalfejn isegwi l-linja l-bajda biex iżomm postu fit-triq, iżda nzerta li dakinhar ta' l-inċident il-lampa li hemm eżatt qrib il-post ta' l-inċident kienet maqtugħa, kif xehdu s-Surġent tal-Pulizija u l-Kuntistabbli li investigaw il-każ[5] u kif juru r-ritratti *foll*. 26 *et seq.*

"Kienu dawn iż-żewġ fatturi flimkien — il-linja li tfixkel flok tgħin u l-lampa mitfija — li wasslu għall-inċident. Għal dawn il-fatturi jaħtu l-konvenut Direttur tat-Toroq, illi għandu d-dmir li jżomm it-toroq fi stat li ma jkunux ta' perikolu għas-sewwiq, u l-korporazzjoni *Enemalta*, li għandha d-dmir li tagħti servizz biex il-lampi li ma jixgħelux jissewwew minnufih, aktar u aktar fejn in-nuqqas ta' dawl jista', bħal fil-każ tal-lum, joħloq perikolu.

"Madankollu, il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjonijiet magħmula mill-korporazzjoni *Enemalta* illi l-attur kien

[5] Ara x-xhieda tas-Surgent Wilfred Imbroll fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2001, *fol*. 47 *et seq.* u x-xhieda tal-Kuntistabbli Stephen Spiteri fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2002, *fol*. 76.

qiegħed x'aktarx isuq aktar milli kien xieraq meta tqis illi t-triq kienet mudlama. Ma kienx sejjer jitlef il-kontroll tal-vettura kif tilfu li kieku tassew kien qiegħed isuq b'daqskemm kien għaqli taħt iċ-ċirkostanzi.

"Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm il-konvenuti Direttur tat-Toroq u l-korporazzjoni *Enemalta* jaħtu għall-inċident, l-attur ukoll kellu ħtija kontributorja, u tgħid illi ż-żewġ konvenuti flimkien għandhom sebgħin fil-mija (70%) tal-ħtija, jew ħamsa u tletin fil-mija (35%) kull wieħed, u l-attur għandu tletin fil-mija (30%).

"Mix-xhieda ħareġ illi l-vettura ta' l-attur, li kienet ilha xi sitt snin fit-triq, kienet tiswa madwar tlitt elef lira (Lm3,000) qabel l-inċident[6], u wara r-*wreck* inbiegħet bil-prezz ta' sitt mitt lira (Lm600)[7]. L-attur għalhekk tilef elfejn u erba' mitt lira (Lm2,400) u l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għal sebgħin fil-mija (70%), li jiġi elf sitt mija u tmenin lira (Lm1,680), jew tmien mija u erbgħin lira (Lm840) kull wieħed.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi l-konvenut Direttur tat-Toroq għandu ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-ħtija għax ma żammx is-sinjali tat-triq fi stat li ma jkunx ta' perikolu, u illi l-korporazzjoni konvenuta *Enemalta* ukoll għandha ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-ħtija għax ma żammitx il-lampa tat-triq fi stat li tixghel u turi; tillikwida d-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom kull wieħed miż-żewġ konvenuti fis-somma ta' tmien mija u erbgħin lira (Lm840), li jiġu elf sitt mija u tmenin lira (Lm1,680) b'kollox; u tikkundanna lid-Direttur tat-Toroq iħallas lill-attur tmien mija u erbgħin lira (Lm840) flimkien ma' l-imgħax mitlub fiċ-ċitazzjoni, u tikkundanna wkoll lill-korporazzjoni *Enemalta* tħallas lill-attur tmien mija u erbgħin lira (Lm840), flimkien ma' l-imgħax mitlub fiċ-ċitazzjoni.

"L-ispejjeż jinqasmu hekk: l-attur iħallas tletin fil-mija (30%), u ż-żewġ konvenuti jħallsu ħamsa u tletin fil-mija

6 Ara x-xhieda tas-*surveyor* Anthony Savona fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2003, *fol.* 139 *et seq.*
7 *Fol.* 135.

(35%) kull wieħed. L-ispejjeż taż-żewġ konvenuti li l-kawża kontrihom kienet ċeduta jħallashom l-attur."

**Appelli**

**6.** Mis-sentenza appellaw:-

(a) **Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq**[8]. In succint l-aggravji tieghu huma s-segwenti:-

1. L-incident meritu tal-kawza sehh minhabba n-negligenza ta' l-appellat li kien qieghed isuq b'velocita` eccessiva mehud in konsiderazzjoni d-dinamika ta' l-incident u l-hsarat li garrbet il-vettura tieghu. L-appellat kien qieghed ukoll jikser ir-regolamenti tat-traffiku ghaliex ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq imma kien fin-nofs tat-triq meta l-karreggjata tat-triq minn fejn kien ghaddej l-appellat kienet wiesgha bizzejjed biex ighaddu zewg vetturi minn hdejn xulxin. Min-naha tieghu l-appellant ma kellux obbligu illi jizgura li s-*centre strip* tkun ezatta fin-nofs tal-linja bajda.

2. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda mit-toroq ewlenin ta' Malta, u ghalhekk zgur li l-appellat ma kienx qieghed ighaddi minn din it-triq ghall-ewwel darba. Ma rrizulta minn imkien li kienet il-posizzjoni tas-*centre strip* li fixklet lill-appellat.

3. Gialadarba l-post fejn sehh l-incident ma kienx imdawwal, l-appellat messu ha prekawzjonijiet addizzjonali sabiex jikkawtela s-sigurta` tieghu bhala sewwieq kif ukoll ta' haddiehor. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-appellat kellu vizwali fit-tul u skond hu dak il-hin il-vettura tieghu kienet bil-*bright* mixghul.

(b) **Il-Korporazzjoni Enemalta**[9]. L-aggravji taghha huma, bazikament, li l-appellat ma kienx qieghed izomm *proper look out* bi vjolazzjoni tar-regola fondamentali li kull sewwieq kellu jkun konxju ta' dak li qieghed jigri madwaru fit-triq b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament

[8] Fol. 2 ta' l-atti ta' l-appell.
[9] Fol. 7 ta' l-atti ta' l-appell.

jirreagixxi ghal kull eventwalita`. Il-kawza prossima ta' l-incident kienet, skond il-Korporazzjoni, il-velocita` eccessiva li biha kien ghaddej l-appellat. L-entita` tal-hsara fil-vettura hija prova fiha nfisha tal-velocita` eccessiva. Il-fatt li t-triq kienet mudlama kienet timponi fuqu iktar attenzjoni u kura fis-sewqan tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**7.** Il-kaz jitratta incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tal-11.30p.m. meta l-vettura Mitsubishi Lancer bin-numru EAN 227 misjuqa mill-appellat (illum mejjet) Maurice Laferla laqtet is-*centre strip* (ossia *central strip*) li hemm f'nofs it-triq minn fejn kienet ghaddejja l-vettura fi Triq il-Wied, Msida u s-sewwieq tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' diehel fil-hajt. Il-bazi ta' l-azzjoni ta' l-appellat hija li l-incident in kwistjoni gara minhabba l-fatt li t-triq ma kenitx imdawwla, is-*centre strip* ma kellix sinjali u anke l-linji tat-toroq kienu tali li jizgwidaw lis-sewwieq.

**8.** Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. Direttur tat-Toroq et** deciza fit-23 ta' Jannar 2004:-

*"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors ta' l-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti ta' l-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.*

*"Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001**) kellha dan xi tghid:- "Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere*

*pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa e` tenuta a far si che l''opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto)."*

**9.** Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-linja bajda tat-triq kienet taghti stampa hazina tal-konfigurazzjoni tat-triq. Qabel tasal ghas-*centre strip* messu kien hemm linja ohra bajda magenb dik ezistenti sabiex taghti lis-sewwieqa indikazzjoni cara li f'dik il-parti tat-triq hemm faxxa fin-nofs tat-triq (is-*centre strip*) li m'ghandekx tghaddi minn fuqha -- u dan apparti li fit-triq ma kien hemm l-ebda senjaletika li turi li hemm *centre strip* fin-nofs tat-triq. Tant l-appellant Direttur tat-Toroq accetta li bhala fatt kien hemm dan in-nuqqas, li wara l-incident saret linja ohra magenb dik ezistenti sabiex isservi ta' sinjal lis-sewwieqa li ma ghandhomx ighaddu minn fuq din il-faxxa. Wara dan l-incident il-linji ma' l-art saru kif jidhru fir-ritratt a fol. 72 fejn anke fuq is-*centre strip* sar xoghol sabiex tkun tidher ghas-sewwieqa. Mir-ritratti ezebiti (fol. 72) jirrizulta wkoll li proprju fejn sehh l-incident hemm arblu tad-dawl li dakinhar ta' l-incident kien bil-hsara.

**10.** Kif osservat din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Michael Balzan v. Lawrence Ciantar noe et** deciza fis-17 ta' Frar, 2006:-

*"Huma principji maghrufa li…Kull sewwieq ghandu jzomm* proper look out *u r-responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta' impatt. Dak li jigri f'dak il-mument u aktar u aktar fl-*agony of the collision*, hu generalment irrilevanti ghall-fini tar-responsabbilta`".*

Bla dubju kull sewwieq ghandu jzomm *a proper look out* u ghandu jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Pero` l-gurisprudenza hija fis-sens li l-fatt wahdu li sewwieq ikun qieghed isuq on the *crown of the road* m'huwiex fatt deciziv jekk is-sewwieq kellux htija ghall-incident[10]. F'dan il-kaz ma jirrizultax, pero`, li l-appellat kien qieghed isuq f'nofs it-triq jew fuq in-naha hazina tat-triq, izda fuq il-parti ta' barra tal-karreggjata li tiehu fid-direzzjoni tal-Belt. L-appellat kien qieghed isuq vicin l-unika linja kontinwa li kien hemm fit-triq. In kontro-ezami spjega li kien qieghed isuq b'dan il-mod ghaliex *"… it-triq kienet imdallma cappa, qed niehu dik id-direzzjoni jiena mal-linja"*[11]. Bil-mod kif kien is-sinjal ma' l-art, l-appellat kellu kull dritt li jippretendi li t-triq tkompli fl-istat li kienet tidher u li mhux ser isib *centre strip* proprju fil-parti li kollox kien jindika li kienet karreggjabbli. Dan kien nuqqas attribwibbli lill-appellant Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq tant li, kif diha nghad, wara l-incident kien irrimedja ghalih billi tawwal is-*centre strip* u zied is-sinjali (ara ritratti a fol. 72). Jidher ghalhekk li kien hemm nuqqasijiet min-naha ta' dan l-appellant fis-sens li ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jissenjala, f'distanza adegwata minn qabel, lill-utenti tat-triq li kien hemm *centre strip* mhux karreggjabbli. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjon li din is-*centre strip* kienet f'parti tat-triq li qeghdha f'liwja. Ir-ritratt a fol. 23 tal-process juri bl-iktar mod car kif originarjament ma kien hemm l-ebda sinjal li hemm *centre strip* fin-nofs tat-triq u kif il-linja bajda kienet tispicca fuq in-naha ta' barra tas-*centre strip* ghal min, bhall-appellat, kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Belt. Sahansitra, mill-provi rrizulta wkoll li qabel l-incident anke l-Kunsill Lokali tal-Imsida kien kemm-il darba gibed l-attenzjoni ta' l-appellant dwar in-nuqqasijiet li kien hemm f'din il-parti tat-triq[12]. Bla dubju *"se la cosa pericola per trascuratezza o negligenza del suo proprietario esso e` in colpa per non mantenere la cosa in condizioni tali da non recare nocumento ad altri"* – **Amadeo F. Inglott noe v. Sacerdote Giuseppe**

---

[10] Ara per ezempju s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **Cecil Ellul v. Joseph Muscat** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 u **Dottor Louis Bianchi nomine v. Roberta Patiniott** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997.
[11] Fol. 99.
[12] Ara xhieda moghtija minn Reuben Sciberras fis-6 ta' Novembru 2001 (fol. 38-45).

**Camilleri et**, Appell Civili, 22 ta' Jannar 1932 (**Vol XXVIII pI p222**). Li jfisser allura illi fejn l-event dannuz hu dovut ghall-kondotta kolpuza ommissiva ta' l-awtorita` pubblika f'sitwazzjoni prevedibbli u li setghet, b'ghaqal u b'diligenza ordinarja preventiva, tevita d-dannu, dik l-awtorita` pubblika ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri lit-terz. Anke f'dan ir-rigward l-appellat kompla jirnexxielu jipprova iktar in-ness ta' kawzalita` bejn din l-istess kondotta u d-danni subiti minnu. L-obbligu ta' l-appellant kien li jizgura li hemm bizzejjed sinjali li jaghtu pre-avviz lis-sewwieqa li kien hemm dan l-ostakolu f'nofs it-triq. Bla dubju l-linja kontinwa li tidher fir-ritratt a fol. 23 ma kienet taghti ebda pre-avviz u anzi kienet qeghdha sservi biss biex tizgwida lis-sewwieqa. Il-fatt li din it-triq hija principali u jghaddi hafna traffiku minnha ma jiskolpax lill-appellant Direttur tat-Toroq. Semmai dan il-fattur kien <u>izid iktar responsabbilta` fuqu</u> li jizgura li jindika l-ezistenza ta' dik is-*centre strip* permezz ta' sinjali adegwati. Toroq li jintuzaw mis-sewwieqa ghandhom ikunu liberi u zgombri minn ostakolu li jfixklu c-cirkolazzjoni normali tat-traffiku. Il-mod kif kienet ic-*centre strip* qabel l-incident kienet ta' periklu ghall-utenti tat-triq. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Adrian Vassallo M.D. v. Leonard Azzopardi** deciza fit-18 ta' Jannar 1995[13], hija r-responsabbilta` ta' l-awtorita`, hi min hi, li fejn hemm fin-nofs l-inkolumita` fizika tac-cittadin ghandha taghmel dak kollu, u xejn inqas minn dak kollu, li hu necessarju biex kemm hu possibbli l-perikli fit-triq jigu senjalati. Zgur li dan ma sarx fil-kaz prezenti.

**11.** Bl-istess mod il-fatt li dakinhar ta' l-incident id-dawl li kien hemm f'dik il-parti tat-triq ma kienx jiffunzjona, ikkontribwixxa wkoll ghall-incident. Il-pulizija li nvestiga l-kaz ikkonferma li din il-parti tat-triq kienet mudlama[14]. Rilevanti wkoll dak li jinghad fl-okkorrenza[15] tal-pulizja li nvestiga l-kaz:-

---

[13] Volum LXXIX.ii.737.
[14] Xhieda ta' P.C. Stephen Spiteri moghtija fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2002 a fol. 76 u tas-Surgent Wilfred Imbroll a fol. 48 moghtija fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2001.
[15] Fol. 28.

*"Other investigations showed that the area in question lacks lighting and that the central strip thereat had the indication sign which is normally lit, missing…**It is to be pointed out that this area, which lacks lighting has rendered the road dangerous to drivers as such central strip cannot be seen considering the bend and curve and the lack of lighting caused by the same bridge. The divisional police have tried several times to contact the Enemalta Corporation, Marsa for such lighting to be installed but no one replied.**"*

Dawn huma fatti li jikkorraboraw il-verzjoni moghtija mill-appellat. L-obbligu tal-manutenzjoni ta' l-arbli tad-dawl huwa fuq l-appellanti Korporazzjoni Enemalta. Il-fatt li d-dawl tat-triq kien maqtugh fil-punt fejn sehh l-incident, wassal biex il-periklu li kien hemm f'nofs it-triq zdied konsiderevolment ghax ma kienx facilment vizibbli ghall-utenti tat-triq, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li s-*centre strip* kienet tista' tghid vicin hafna tal-pont -- cirkostanza ohra li kienet tkompli tnaqqas il-vizibilta` tas-*centre strip* u li titlob li t-triq tkun imdawwla sew mhux bil-musbieh! Il-fatt li l-lampla kienet maqtugha huwa fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti kien determinanti sabiex isehh l-incident meritu ta' din il-kawza.

**12.** Ghalhekk ghal dan il-kaz hi applikabbli n-norma li nsibu fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili (Kap. 16) in kwantu din fuqha hija bbazata s-sistema ta' responsabbilta` akwiljana u tipprovdi li l-lezjoni tad-dritt tal-persuna tobbliga lill-awtur ta' dik il-lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi li kkrejaw danni lill-haddiehor. Fil-kaz odjern irrizulta li kien hemm kondotta omissiva da parti taz-zewg appellanti in kwantu dawn naqsu milli jiehdu kura adegwata li s-sitwazzjoni kienet titlob u tesigi ghat-tutela tad-drittijiet ta' haddiehor. Kien hemm kondotta li tohloq rapport ta' kawzalita` ma' l-event dannuz. Ghalhekk il-kawza prossima ta' l-incident kienu dawn in-nuqqasijiet, ghalkemm mill-provi rrizulta wkoll li l-appellat ikkontribwixxa fis-sens li fil-hin ta' l-incident kien ghaddej b'velocita` iktar milli kienet indikata. Fil-kaz **Froom v.**

**Butcher**[16], Alfred Lord Denning ghamel distinzjoni bejn negligenza u negligenza kontributorja:-

*"Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety****. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"*.

Jekk sewwieq ikunx prudenti fis-sewqan tieghu ghandu jitqies fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Dwar il-fattur tal-velocita`, din il-Qorti terga' ittenni dak li qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino**, 15 ta' Jannar 1997:-

*"L-ispeed eccessiv (li in civilibus ma hux limitat ghall-velocita` in eccess ta' dak regolamentari, imma jista' jkun wkoll in eccess ta' dak konsentit lil sewqan prudenti skond il-lokalita` u c-cirkostanzi) jista' jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita` jew kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn, jew jigi provat li dan l-ispeed kien ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b'mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati mill-istess sinistru"*.

**13.** Mill-provi ma jirrizultax li din il-velocita` kienet il-kawza determinanti ta' l-incident, ghalkemm wiehed irid jammetti li materjalment ikkontribwit ghalih. L-entita` tal-hsara li garrbet il-vettura misjuqa mill-appellat[17] u l-mod kif spiccat tahbat mal-hajt fuq in-naha tax-xellug tas-sewwieq, hija indikattiva wkoll li l-appellat ma kienx qieghed isuq bi speed tant baxx kif qal fix-xhieda tieghu[18]. L-ewwel Qorti allokat tletin fil-mija (30%) tat-tort fuq l-appellat, liema kontributorjeta` ma gietx kontestata mill-appellat tant li ma appellax mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Is-sewwieq ghandu d-dmir li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u l-kondizzjonijiet tal-lokalita` li jkun qieghed

[16] *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley, Butterworths (1993) pagna 66.
[17] Ara per ezempju ritratt a fol. 29 tal-process.
[18] Ara f'dan ir-rigward per ezempju sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bugelli et v. Reginald Borg** deciza fil-5 ta' Dicembru 2006.

isuq fiha. Velocita’ eccessiva tista’ f’dawn ic-cirkostanzi titqies bhala sewqan imprudenti in kwantu ma thallix lok ghal dik il-margni ta’ sigurta` tant necessarja ghal kull emergenza li tista’ tinqala’. Ghalhekk l-appellat ma jistax jiskansa ruhu ghal kollox mir-responsabbilta`. Il-fatt li fi kliem l-appellat stess dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet mudlama, kien jinponi fuqu obbligu li jsuq b’iktar kawtela u jiehu prekawzjonijiet specjalment tenut kont tac-cirkostanzi prevalenti fil-lokalita`. Dawn kienu cirkostanzi li gustament wasslu lill-ewwel Qorti biex tattribwixxi parti mir-responsabbilta` ghall-incident fuq l-appellat.

**Decide**

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll dak tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu bin-nofs (50/50) miz-zewg appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------